# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru ħamsa (5/2016) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2016, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Francis Callus | Viċi-Sindku |
| | Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| SKUZAT: | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-sur Busuttil kellu jittieħed l-isptar u għalhekk ma kienx possibli li jattendi għal laqgħa. Qal illi tkellem miegħu u ħa nota tad-deċizjoni rigward l-istimi/tenders li għandhom jiġu diskussi fl-Aġenda. Qal ukoll illi s-sur Stivala ċempel biex ikun skuzat peress illi għandu c-chickenpox. Hu wkoll ħalla d-deċizjoni rigward dawn l-istimi/tenders. Peress illi hemm punti importanti fl-Aġenda, u peress illi l-kunsillier skuzati għandhom bzonn ħafna zmien biex jirkupraw, il-laqgħa xorta kellha ssir mingħajrhom. It-tnejn li huma kien skuzati. Il-kunsilliera esprimew ix-xewqa tagħhom illi jkunu magħna malajr kemm jista jkun.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

### 3. Punti mill-Minuti

3.1 Peress illi ma kienx prezenti fil-laqgħa preċedenti, il-Viċi Sindku qal illi jaqbel illi ngħinu lis-sur

Zammit [ref punt 4.2] bit-talba tiegħu. Is-Sindku qal illi l-kaxxi sofor saru.

3.2 Il-Viċi Sindku qal illi fl-area indikat [ref punt 4.3] hemm bieb ta' garaxx [9 piedi], u li l-linji saru b'responsabilita. Esprima l-ħsieb tiegħu li hemm persuna li qed juza lill-awtur tal-emajl illi anqas qegħda tgħix fir-raħal, ħalli jkun hemm problemi bejn il-ġerrieni. Qal ukoll illi l-problemi bdew għax qegħdin jinbnew ħafna flats mingħajr garaxxijiet.

Is-Sindku qal illi s-sinjura qegħda tilmenta peress illi skond hi, xi ħadd qed jokkupa parking bay meta m'hemmx garaxx. Il-Kunsill se jzomm mad-deċizjoni preċedenti li nistennew lill-pulizija biex jieħdu azzjoni. Il-Viċi Sindku qal illi jekk il-pulizija jgħidu li suppost hemm kaxxa bajda, għandhom jinvestigaw il-Kunsill l-ewwel.

3.3 Il-Viċi Sindku staqsa għalfejn il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma jridx jiffirma ċ-ċekk ta Mario Service Station [ref punt 5.1] wara li kien qabel illi naħdmu bil-buttuna. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi f'laqgħa preċedenti kien qal illi kien kontra l-infieq għall-konsum tal-petrol ta' ħaddiem tal-IPSL u qed joġġezjona dawn il-pagamenti li huma f'ismu u mhux kontra Mario Service Station. Il-Viċi Sindku fakkar illi dejjem ħdimna bil-vettura ta' dan il-ħaddiem u dejjem intqal għalfejn konna qegħdin inħalsu dawn l-ammonti. Is-Sindku qal illi kien ħareġ bl-ideja tal-'capping' ħalli nevitaw illi jsiru l-abbuzi.

3.4 Il-Viċi Sindku qal illi l-kwistjoni tan-Nursery fiha sikkina taqta miż-żewġ naħat [ref punt 6.1]. Fakkar illi fil-passat kelna 'offerta' simili, u li dawn jiġu wara kull tibdil fil-leġislatura. Qal illi hu qatt ma qabel. Fl-istess ħin innota li ttieħdet deċizjoni fil-laqgħa preċedenti u ma jixtieqx ibiddel l-ebda deċizjoni izda fakkar illi ż-Żurrieq Wolves kienu ġew u kellhom skopijiet personali fejn xtaqu jieħdu l-aqwa plejers tagħna.

Is-Sindku fakkar illi hemm ftehim ma' Żurrieq F.C [tim differenti] u reġa qal illi punti kollha li kien sema fil-laqgħa preċedenti [ref punt 6.1].

Il-Viċi Sindku qal illi fil-fehma tiegħu m'għandniex nikkunsidraw il-flus bħala ostaklu għax nieħdu ftit fondi [is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għadna qegħdin nistennew għar-reimbursement ta' 2013] waqt illi żied illi għandna bzonn illi l-membri ta' Safi AFC jagħmlu minn kollox biex isiru klabb tal-MFA għax b'hekk ċert illi nissalvaw in-Nursery ukoll. Qal illi ħa jibqa xettiku fuq l-ideja li naħdmu maż-Żurrieq F.C.

Is-Sindku qal li din mhijiex kwistjoni ta'flus imma kwistjoni li nghollu l-livell tan-nursery. Dan ser isir permezz tal-introduzzjoni ta' Coerver Coaching li hija rinomata mhux f'Malta biss permezz ta' clubs kbar bhal Birkirkara u Hibernians, pero' anke sahansitra fi clubs rinomati barra minn Malta wkoll. Apparti minn hekk, jekk mhux se jsir xejn in-nursery qed tissogra li tmut mewta naturali peress li t-tfal ilhom ghal diversi snin jonqsu u l-Kunsill ghandu d-dover li jaghmel minn kollox biex dan ma jsehhx.

3.5 Il-Viċi Sindku qal illi dejjem qabel illi l-parteċipanti għandhom iġibu flixkun u mhux tnejn [ref punt 8.1].

3.6 Issuġerixxa li l-car show ma jsirx fis-sajf [ref punt 9.7]. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi fil-fatt kienet se ssemmi l-ħaġa hi. Il-Viċi Sindku qal ukoll illi forsi m'attendewx ħafna nies għar-reenactment għax issa raw l-istess ħaġa tlett snin wara xulxin. Is-Sindku qal li fl-istess hin inzerta kien hemm ukoll il-Festa Frawli l-Imgarr u anke konferenza generali ta' partit politiku li zgur tellfu xi ftit jew wisq.

3.7 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi TM ma qablux mal-petizzjoni vis-a-vis il-one way tal-Karwija minħabba t-talba biex it-triq isir one way ħlief għar-residenti. Is-Sindku reġa qal illi r-residenti qegħdin isibu ħafna problemi waqt illi l-Viċi Sindku qal illi hu ma jaqbilx mal-proposta li residenti jidħlu two-way. Qal illi dawn l-affarijiet ma jsirux.

## 4. Korrespondenza

4.1 Ma kien hemm l-ebda korrespondenza t'importanza.

## 5. Payment Approval Sheet

5.1 **Abela Advocates:** Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fost il-pagamenti hemm €1000 dovuti lil Abela Advocates. Dawn kienu għas-servizz illi taw fil-kaz tal-Kunsill kontra s-sur Francis Buhagiar, fejn dan il-persuna nstab ħati. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk il-kunsilliera jixtiequ jiftaħ kaz ħalli nara jekk nieħdu dawn l-ispejjez lura. Il-Kunsill ma qabilx peress illi hemm proċess twil u diffiċli biex nirbħu.

5.2 Ma kien hemm l-ebda oġġezzjonijiet għall-Payment Approval Sheet.

## 6. Approvazzjoni tal-Financial Statements

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċevejna l-F.S [audited] u jikkonferma li d-deficit huwa ta' €4000 bħal ma kienu fil-versjoni 'unaudited'. Il-kunsilliera ġew notifikati u se jirċievu kopja tal-F.S.

**7. Tender: Ġbir tal-iskart tar-riċeklaġġ: Deċizjoni**

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bagħat rapport taż-żewġ proposti [GreenPak u GreenMT] lil kull kunsillier fejn kiteb ukoll fejn kien hemm dawk il-ftit differenzi bejn proposta u oħra. Qal illi wara li jisma l-ħsibijiet tal-kunsilliera preżenti se jgħid x'qalu dawk it-tnejn illi kienu skuzati mil-laqgħa.

Is-Sindku qal illi hu jaqbel illi GreenPak jieħdu t-tender. Qal illi dejjem irċevejna servizz eċċellenti minn naħa tagħhom, waqt illi d-domes huma ikbar mill-oħrajn.

Il-Viċi Sindku qal illi m'għandu xejn kontra l-ebda kumpanija izda jiftakar illi fis-sena 2012 meta kien Sindku, il-GreenPak kienu offrew iktar proposti pożittivi u ħadna dak kollu li wettqu, kif ukoll qatt ma naqsu s-servizz tagħhom u b'hekk kuntent magħhom. Waqt illi ma jixtieqx imaqdar ix-xogħol tal-GreenMT qal illi ma' GreenPak diġa jaf illi se naħdmu sew.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi peress illi ma kinitx preżenti fil-leġislatura preċedenti u peress illi l-proposti huma pjuttost l-istess, temmen illi qegħdin siguri jekk naħdmu ma min diġa offra servizz tajjeb matul dawn l-aħħar snin u għalhekk hi għażlet lill-GreenPak.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsillier Carlo Stivala kien ta l-istess opinjoni tal-kunsilliera preżenti u qabel illi GreenPak jieħdu t-tender. Fl-istess ħin, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien kuntent bis-servizz ta' GreenPak izda żied illi sema ħafna affarijiet pożittivi fuq GreenMT ukoll u kien tal-opinjoni li forsi għandna bzonn bidla ħalli naraw x'għanhom joffru dawn peress illi xorta waħda mhux se noħorġu flus għal dan ix-xogħol u li huma għandhom jaħdmu sew biex jilħqu l-miri tagħhom. Għalhekk għażel lill-GreenMT.

B'hekk, b'4 voti kontra 1 il-Kunsill għażel lil GreenPak.

**8. Deċiżjoni dwar l-istimi għall-knis tal-uffiċji amministrattivi, faċilitajiet tal-Kunsill u Public Convenience**

8.1 **'Cleaning of Council premises'**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien għamel talba għall-istima għax-xogħol fejn il-kuntratturi kellhom jiktbu r-rata tagħhom ta' kull xahar. Dan biex nevitaw problemi meta wieħed jaħdem bis-sigħat u jaħdem sigħat extra apposta. Kienu nnotifikati wkoll illi għandhom jaħdmu wara l-5pm, joħorġu ż-żibel kull filgħodu, u jzommu l-post nadif. L-istimi kienu ta':

FloorPul: €386
Effective Cleaners: €3500 [hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hemm miktub illi għandhom jagħtu r-rata tagħhom ta' kull xahar, u avolja ħaseb illi dawn kienu taw l-istima tagħhom għal sena ma kien hemm l-ebda indikazzjoni t'hekk. Għal dan ir-raġuni l-Kunsill kellu jikkonsidra l-istima bħala l-ammont illi qegħdin jitolbu kull xahar]
Carmen Camilleri: €316
Dimbros: €7.80 [is-Segretarju Ezekuttiv fakkar ir-raġuni għalfejn ma talabx rata kull siegħa]. Fl-istess ħin qal illi bħala average hemm bzonn ta' 45 siegħa kull xahar u b'hekk l-ammont għandu jkun ta' €351.

Il-Kunsill għażel lil Carmen Camilleri bħala l-irħas bidder, kif ukoll qalu li bħala l-kuntrattur eżistenti jafdawha biċ-ċwievet/dokumenti u japprezzaw ix-xogħol li għamlet matul dawn is-snin. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera ma mhumiex preżenti wkoll qablu li l-irħas bidder jieħu l-kuntratt.

8.2 **'Cleaning of Council facilities'**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien għamel talba għall-istima għax-xogħol fejn il-kuntratturi kellhom jiktbu r-rata tagħhom ta' kull xahar. Dan biex nevitaw problemi meta wieħed jaħdem bis-sigħat u jaħdem sigħat extra apposta. Kienu nnotifikati wkoll illi għandhom jaħdmu filgħodu, li l-kmamar ikunu nodfa qabel kull ħaġa li jsir f'dawn il-faċilitajiet. L-istimi kienu ta':

FloorPul: €386
Effective Cleaners: €3890 [hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hemm miktub illi għandhom jagħtu r-rata tagħhom ta' kull xahar, u avolja ħaseb illi dawn kienu taw l-istima taħghom għal sena ma kien hemm l-ebda indikazzjoni t'hekk. Għal dan ir-raġuni l-Kunsill kellu jikkonsidra l-istima bħala l-ammont illi qegħdin jitolbu kull xahar]
Carmen Camilleri: €290
Dimbros: €7.80 [is-Segretarju Ezekuttiv fakkar ir-raġuni għalfejn ma talabx rata kull siegħa]. Fl-istess ħin qal illi bħala average hemm bzonn ta' 60 siegħa kull xahar u b'hekk l-ammont għandu jkun ta' €468.

Il-Kunsill għażel lil Carmen Camilleri bħala l-irħas bidder, kif ukoll qalu li bħala l-kuntrattur eżistenti jafdawha biċ-ċwievet/dokumenti u japprezzaw ix-xogħol li għamlet matul dawn is-snin. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera ma mhumiex preżenti wkoll qablu li l-irħas bidder jieħu l-kuntratt.

8.3 **'Maintanance of Public Convenience'**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien għamel talba għall-istima għax-xogħol fejn il-kuntratturi kellhom jiktbu r-rata tagħhom ta' kull xahar. Dan biex nevitaw problemi meta wieħed jaħdem bis-sigħat u jaħdem sigħat extra apposta. Kienu nnotifikati wkoll illi għandhom jaħdmu filgħodu, li l-kmamar ikunu nodfa qabel kull ħaġa li jsir f'dawn il-faċilitajiet. L-istimi kienu ta':

Brian Borg: €340
Mario Camilleri: €325

Il-Kunsill għażel lil Mario Camilleri bħala l-irħas bidder. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera li mhumiex preżenti wkoll qablu li l-irħas bidder jieħu l-kuntratt.

**9. Skola Sajf**

Is-Segretarju Ezekuttiv talab għall-idejat/ħsibijiet għal Skola Sajf 2016.

9.1 Il-Kunsill qabel illi bil-kompetizzjoni li hemm minħabba l-inizjattiva tal-gvern ma tantx hemm domanda qawwija għal Skola Sajf. Is-Sindku qal illi jekk hemm domanda għandha ssir, izda mhux se jaċċetta li jagħmlu l-klassijiet fil-foyer bħas-sena l-oħra għax kien hemm wisq ilmenti minħabba s-sħana. Il-Viċi Sindku qabel miegħu.

9.2 Il-kunsilliera qablu li ssir Ibqa Attiv filgħaxija.

**10. Berġa**

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ħareġ l-istimi li rċieva għall-affarijiet illi hemm bzonn fil-Berġa. Dawn se jintbagħtu lid-Dipartiment tas-Saħħa għall-approvazzjoni tagħhom ħalli nieħdu l-fondi lura. Il-Kunsill qabel li mmexxu bl-istimi eżiztenti.

## 11. Ħwejjeġ Oħra

Is-Sindku:

11.1 issuġerixxa is-sitta ta' Ġunju bħala l-ġurnata għall-end of season party tan-Nursery. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi Sindku ma kellu l-ebda punt biex iressaq.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

11.2 Qalet illi l-KLZ marru tajjeb ħafna fl-attivita tagħhom [crafts]

11.3 Fit-18 ta' Mejju [bejn is-6 u t-8] il-KLZ se jagħmlu attivita fejn jgħalmu lit-tfal biex jagħmlu l-liedna.

11.4 L-NGO 'Right to Smile' qalu li hemm bzonn ftit xogħol ta' tikħil qabel ma jsir il-Mural, kif ukoll illi nhar is-Sibt 14 ta' Mejju se jkun hemm workshop fis-sala tal-Kunsill [bejn id-9 u 12]. Għamlet talba biex is-Sindku jagħmel diskors dakinhar. Qalet ukoll illi l-proġett tal-Mural se ssir bejn l-21 u t-22 t'Awwissu.

11.5 Qalet illi bagħtet emajl lill-kunsilliera kollha rigward il-ħarġa għal Munxar, Għawdex. Il-Kunsill qabel.

11.6 Qalet illi l-AAA qalu li sa 6 nies għandhom jitilaw fl-istess ħin u għalhekk qalet m'hemmx bzonn trasport għax se jmorru bil-karozza.

11.7 Qalet illi se jkun hemm BBQ fil-Pjazza nhar is-Sibt 14 ta' Mejju 2016 u staqsiet x'permessi għandhom bzonn. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandhom iħalsu għal kull mejda li se joħorġu u li għandhom jiġu l-Kunsill l-għada tal-laqgħa.

11.8 Qalet illi bi ħsieba tagħmel l-attivita folkloristika wara l-festa u li minflok imorru il-Buskett għall-Imnarja. Il-Kunsill qabel.

Is-Segretarju Ezekuttiv:

11.9: Qal illi rċieva stima ta’ €525.34 għall-artificial turf illi huwa irħas mill-istimi preċedenti li ressaq fuq il-mejda. Bix-xogħol kollu l-istima telgħet għal €2032.11. Il-Kunsill qabel max-xogħol. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi x-xogħol se jsir għax għandni fondi allokati mir-Reġjun għal Landscaping.

12. **Laqgħa li jmiss**

12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fl-14 ta’ Ġunju 2016

Sindku
Johan Mula

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard